



2018/0166R(APP)

10.10.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-Rapport interim dwar il-QFP 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament
bil-ħsieb ta' qbil
2018/0166R(APP)

Rapporteur għal opinjoni: Peter Jahr

PA_Consent_Interim

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Jenfasizza li Politika Agrikola Komuni modernizzata u ffinanzjata sew (PAK), waħda mill-aktar politiki integrati tal-UE, għandha rwol kruċjali fit-twertiq tal-għanijiet ewlenin tal-UE inkluża s-sigurtà tal-ikel, billi tipprovdi lill-konsumaturi ikel sikur ta' kwalità għolja bi prezzijiet raġonevoli, tippreserva l-pajsaġġi u l-ambjent naturali u tiżgura livell ta' għajxien ġust għall-bdiewa; jirrimarka li l-għadd ta' regoli li jirregolaw il-protezzjoni tal-ikel, tas-saħħa u tal-ambjent, li l-bdiewa jridu jkunu konformi magħhom, żdied haġna, filwaqt li s-sehem relattiv tal-PAK fil-baġit tal-UE baqa' jonqos; jissottolinja l-hteġa li l-bdiewa jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni lejn prattiki tal-biedja li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u jiġu ppremjati għall-provvista ta' prodotti ambjentali;
2. Jirrimarka li tnaqqis possibbli fil-baġit tal-PAK se jkollu effetti diżastrużi billi dan jikkontribwixxi, minn naħa waħda, għat-tneħħija ta' inċentivi li jiżguraw l-ogħla standards agrikoli u, min-naħa l-oħra, jipperikola s-sigurtà u s-sikurezza tal-ikel fl-Unjoni; jenfasizza li l-bdiewa ma jistgħux ikunu obbligati jissodisfaw aktar kundizzjonijiet mingħajr appoġġ adegwat li fl-istess ħin iqis il-ħteġijiet speċifiċi ta' kull Stat Membru, b'mod partikolari wara l-investment u sforzi oħrajn li jappoġġjaw u jipproteġu l-ambjent u jipprovdu servizzi pubbliċi filwaqt li jissalvagwardjaw il-bijodiversità u s-sigurtà u s-sikurezza tal-ikel;
3. Itenni l-appell tiegħu li jinżamm il-baġit tal-PAK fil-QFP 2021-2027, tal-anqas fil-livell tal-baġit 2014-2020 għall-UE-27 f'termini reali, minħabba r-rwol fundamentali ta' din il-politika fl-iżgurar tas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tal-agricoltura Ewropea u l-iżvilupp ta' żoni rurali dinamiċi; jenfasizza li settur agrikolu tal-UE li huwa reżiljenti, sostenibbli, kompetittiv u li jissalvagwardja d-dħul tal-bdiewa jeħtieġ baġit tal-PAK stabbli u ffinanzjat tajjeb; jafferma mill-ġdid il-fehma soda tiegħu li l-agricoltura ma trid issofri l-ebda żvantaġġ finanzjarju minħabba deċiżjonijiet politiċi bħall-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles li jħallu impatt fuq l-agricoltura jew il-kunflitti politiċi ma' sħab kummerċjali internazzjonali fil-qasam tal-agricoltura, bħall-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jew il-finanzjament ta' politiki ġodda Ewropej; jenfasizza l-hteġa li jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE għal 1,3 % tal-ING tagħhom;
4. Jopponi bil-qawwa l-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss, li tinvolvi tnaqqis sostanzjali fil-PAK, inkluż il-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (il-programm POSEI) għar-reġjuni ultraperiferiċi; jenfasizza li dan it-tnaqqis jipperikola l-ksib tal-għanijiet tal-PAK; jenfasizza li l-isfidi li jiffaċċjaw il-bdiewa bħall-prattiki kummerċjali iġusti, aktar konċentrazzjoni tas-suq u ftehimiet ta' kummerċ ħieles, flimkien ma' problemi li qegħdin iseħħu relatati mal-klima u mat-temp, minflok jistgħu jeħtieġu żieda fil-baġit tal-PAK; jisħaq fuq il-fatt li l-marġni tat-tnaqqis ivarja skont il-parametri użati għat-tqabbil; jistieden lill-Kummissjoni, għall-fini ta' komparabbiltà mtejba, biex minn issa 'l quddiem tippreżenta l-QFP fi prezzijiet kurrenti biss;

5. Jappella għal żieda fl-allokkazzjonijiet baġitarji fil-QFP 2021–2027 għall-programmi POSEI biex ir-reġjuni ultraperiferiċi jibbenefikaw minnhom, li xorta waħda għadhom affettwati ħafna mill-kriżi u esposti għall-iżvantaġġi strutturali msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, inklużi l-periferiċità, l-insularità, iċ-ċokon, it-topografija diffiċli u d-dipendenza klimatika u ekonomika fuq ftit prodotti;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi fil-QFP il-ġdid riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-impenji tal-UE għall-ewwel pilastru tal-PAK, kif stabbilit fit-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja¹, dwar il-perjodu tranżitorju li jispiċċa fl-2022;
7. Jilqa' il-memorandum tal-31 ta' Mejju 2018 intitolat "QFP Futur – PAK", iffirmit mill-ministri tal-agrikoltura tal-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja, li jqajjem tħassib dwar it-tnaqqis propost mill-Kummissjoni għall-baġit tal-PAK fil-QFP 2021-2027;
8. Jisħaq fuq l-importanza li jinżammu l-allokkazzjonijiet finanzjarji eżistenti kemm għall-pagamenti diretti, bħala xibka ta' sikurezza ta' introjtu li tirrifletti l-għan fit-tul ta' tranżizzjoni lejn mudell aktar sostenibbli tal-agrikoltura Ewropea li jżid il-kompetittività, kif ukoll għat-tieni pilastru tal-fondi għall-bdiewa u l-popolazzjonijiet rurali; jirrimarka li kwalunkwe tnaqqis għall-pagamenti diretti għandu impatt dirett fuq l-introjtu tal-bdiewa; jiddeplora b'mod partikolari t-tnaqqis drastiku previst għat-tieni pilastru tal-PAK, li jagħti kontribut sinifikanti għall-investiment u l-impjiegi, kif ukoll l-aċċessibbiltà u l-attrazzjoni territorjali, il-kura ambjentali u l-azzjoni klimatika f'żoni rurali, partikolarment permezz ta' finanzjament għal approċċi minn isfel għal fuq għall-iżvilupp lokali bħall-programm LEADER u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità; jistieden lill-Kummissjoni li, għar-reġjuni ultraperiferiċi, tistabbilixxi programmi kompletament awtonomi u indipendenti ta' żvilupp rurali taħt it-tieni pilastru, simili għall-miżuri tal-POSEI taħt l-ewwel pilastru; ifakkar, li l-għan ewlieni ta' din il-Kummissjoni huwa li żżomm u toħloq l-impjiegi fl-UE; jiċċad bil-qawwa, għalhekk, il-pjanijiet tal-Kummissjoni li tnaqqas b'mod serju l-baġit tal-UE għall-iżvilupp rurali u jinsisti fuq Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ifffinanzjat sew; jenfasizza li ma jistax jittieħed bħala fatt li l-kofinanzjament nazzjonali taħt it-tieni pilastru se jagħmel tajjeb għad-diskrepanza fil-baġit;
9. Itenni li l-finanzjament totali disponibbli għall-FAEŻR u għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għall-perjodu li jmiss għandu jkun ta' EUR 382 855 000 000 fi prezzijiet kostanti biex jikkorrispondu għal dak allokati għall-perjodu 2014-2020;
10. Jenfasizza li l-aspettattiva li 40 % tal-finanzjament tal-PAK se jintefqu fuq l-azzjoni klimatika tista' tinkiseb biss jekk il-fondi għall-iskemi ambjentali u klimatiċi ma jkunux soġġetti għat-tnaqqis ta' pagamenti kif stipulat fl-Artikolu 15 tal-proposta għal regolament li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-PAK (COM(2018)0392);
11. Jinnota li t-tnaqqis fil-Pilastru II qed itellef l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali, it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ir-reżistenza għat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp ta' teknoloġiji agrikoli innovattivi ġodda u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, kif ukoll miżuri li jipromwovu l-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-

¹ ĠU L 112, 24.4.2012, p. 10

faqar u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali;

12. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-konverġenza esterna tal-livelli ta' pagamenti diretti bejn l-Istati Membri; jenfasizza li din il-konverġenza akbar tista' tinkiseb biss jekk il-baġit tal-PAK tal-anqas jinżamm f'termini reali;
13. Jappella għal użu akbar tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni u l-finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli ta' żoni rurali sabiex jiġu miġġielda d-dewmien fl-iżvilupp u d-depopolazzjoni f'dawn iż-żoni;
14. Ifakkar fl-impenji tal-Kummissjoni biex iżżomm il-baġit tal-programm POSEI fil-livell kurrenti tiegħu;
15. Itenni t-talba tiegħu għal riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu salvagwardjati d-dazji fuq il-prodotti agrikoli bħala sors ta' dħul għall-baġit tal-UE; jinnota t-tnaqqis fid-dħul mid-dazji matul dawn l-aħħar snin, peress li t-tnaqqis fit-tariffi medji qabżu ż-żidiet fil-volumi tan-negozju; jinnota l-inkonsistenza tal-enfasi fuq l-agrikoltura orjentata lejn l-esportazzjoni, li tista' tesponi setturi sensitivi għal żieda fil-kompetizzjoni filwaqt li fl-istess ħin, it-tnaqqis tat-tariffi jdgħajjef il-pedamenti meħtieġa biex jinżammu l-istess setturi għall-beni pubbliċi li jipprovdu;
16. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal analiżi ta' nofs it-terminu tal-QFP legalment vinkolanti u obbligatorja;
17. Jenfasizza li żieda indiretta fl-introjt, partikolarment ta' bdiewa żgħar u ta' daqs medju, tista' tinkiseb ukoll permezz ta' tnaqqis reali fil-burokrazija żejda għall-bdiewa fil-PAK, żieda fil-flessibbiltà fil-kontrolli u funzjonament aħjar u aktar trasparenti tal-katina tal-provvista tal-ikel; jisħaq fuq l-importanza tas-servizzi ta' konsulenza li jagħtu pariri indipendenti lill-bdiewa dwar l-adattament u t-titjib tal-prattiki tagħhom, inklużi l-prattiki u l-azzjonijiet klimatiċi biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-inputs;
18. Jilqa' l-proposta ta' eżami mill-ġdid tal-Kummissjoni tal-funzjonament tar-riżerva għall-kriżijiet, b'mod partikolari l-possibbiltà li l-fondi mhux użati tar-riżerva agrikola l-ġdida jiġu riportati minn sena għall-oħra; ma jaqbilx dwar il-fatt, u jinsab imħasseb dwaru, li l-ammonti inizjali li għandhom jintużaw biex jiġi kostitwit il-fond mhux se jkun għejjin minn barra l-baġit tal-PAK iżda minflok se jittieħdu minn pagamenti diretti fl-2020 u mhux se jitħallsu lura lill-bdiewa; jappella, għalhekk, għal riżerva ta' kriżi agrikola indipendenti stabbilita barra l-baġit tal-PAK;
19. Iqis li l-proposta tal-Kummissjoni li testendi d-dixxiplina finanzjarja għall-benefiċjarji kollha tal-pagamenti diretti mhux se sservi l-għan li jintlaħaq bilanċ aħjar fid-distribuzzjoni tal-pagamenti bejn l-azjendi agrikoli ta' daqs differenti, u għalhekk jistenna li tinżamm l-eżenzjoni kurrenti mill-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja għall-bdiewa li jirċievu sa EUR 2 000 f'pagamenti diretti;
20. Huwa favur li jinżamm il-baġit tal-iskema tal-frott, il-ħaxix u l-ħalib għall-iskejjel tal-anqas fl-istess livell, peress li din għandha rwol importanti fil-promozzjoni ta' ikel tajjeb għas-saħħa u fl-iffurmar ta' drawwiet pożittivi ta' ikel fost it-tfal u ż-żgħażaġh;
21. Jirrikonoxxi r-riskju li t-tnaqqis ta' appoġġ għall-PAK u għall-miżuri ta' politika ta'

koeżjoni jkun ifisser limitazzjoni tal-ambitu biex jingħata appoġġ għall-intraprenditorija f'żoni rurali u appoġġ għall-iżvilupp territorjali f'termini ta' infrastruttura;

22. Jappella għal bilanċ aħjar bejn l-oġettivi ambjentali u klimatiċi u l-finanzjament tal-PAK, peress li ż-żieda ambizzjuża proposta mill-Kummissjoni f'dan il-qasam (40 % tal-baġit kollu tal-PAK għall-miri klimatiċi, u 30 % tal-finanzjament tal-Pilastru II għall-ambjent), flimkien ma' tnaqqis sinifikanti fil-finanzjament, ifisser li l-kapaċità tal-politika li tilħaq l-għanijiet tal-immodernizzar u r-ristrutturar tas-settur agroalimentari u l-iżvilupp rurali se tonqos bil-kbir;
23. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi intensifikat il-kontroll doganali fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli u tal-ikel fl-UE, filwaqt li tiġi stabbilita linja baġitarja speċifika taħt l-Intestatura IV (11) "Ġestjoni tal-fruntieri" biex jitwettaq bis-sħiħ il-potenzjal tal-unjoni doganali u jiġu evitati l-kummerċ illegali u l-frodi;
24. Iqis li n-nefqa fuq il-miżuri tas-suq, bħall-intervent pubbliku u l-għajnuna għall-ħżin privat, għandu jkollha linja baġitarja apposta u m'għandhiex tiddependi biss fuq il-fondi ta' riżerva agrikola; jenfasizza li l-fondi ta' riżerva agrikola għandhom jintużaw primarjament biex ilaħħqu malajr ma' ċirkostanzi serji li jmorru lil hinn mill-iżviluppi normali tas-suq u jħallu impatt fuq il-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni fil-qasam tal-agrikoltura fl-UE;
25. Jirrimarka li fil-perjodu kopert mill-QFP 2021-2027, il-proċess ta' konverġenza jrid jitlesta kompletament sabiex tinkiseb kompetizzjoni ġusta fost l-Istati Membri kif ukoll jiġu stabbiliti l-prinċipji tal-ugwaljanza fuq bażi mifruxa mal-UE kollha, u li d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tinsab fil-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-24 u l-25 ta' Ottubru 2002 trid tiġi implimentata kompletament;
26. Jenfasizza li waħda mill-problemi ewlenin hija t-tiġdid ġenerazzjonali, u għalhekk, jikkunsidra li minbarra li jirċievu għajnuna għall-ħolqien ta' azjendi agrikoli, iż-żgħażaġh għandhom jirċievu wkoll għajnuna speċifika fl-ewwel ftit snin tal-attività agrikola tagħhom;
27. Jinnota li, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-epidemiji u l-kundizzjonijiet avversi tat-temp affettwaw serjament it-trobbija tal-bhejjem u l-kultivazzjoni tar-raba', u jappella għal appoġġ finanzjarju akbar biex ikopri t-telf tal-bdiewa;
28. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni li tiddedika EUR 10 biljun għar-raggruppament "Ikel u Riżorsi Naturali" ta' Orizzont Ewropa sabiex jiġu żviluppati u promossi l-innovazzjoni u r-riċerka fil-qasam tal-agrikoltura u tal-ikel; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jżommu dan il-livell ta' ambizzjoni baġitarja matul il-proċess ta' approvazzjoni tal-QFP, speċjalment meta jitqies it-tnaqqis previst fit-tieni pilastru;
29. Jisħaq fuq il-fatt li sabiex jerġa' jinkiseb l-appoġġ għal PAK iffinanzjata sew, ir-riformi għall-perjodu ta' finanzjament li jmiss iridu jagħtu valur aħjar għall-flus, kif muri permezz ta' riallokazzjoni akbar ta' fondi lill-bdiewa bi dħul baxx.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
Referenzi	2018/0166R(APP)
Kumitat responsabbli	BUDG
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 5.7.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Peter Jahr 4.7.2018
Data tal-adozzjoni	9.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 5 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, José Bové, Daniel Buda, Nicola Caputo, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Karine Gloanec Maurin, Esther Herranz García, Jan Huitema, Martin Häusling, Peter Jahr, Ivan Jakovčić, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Norbert Lins, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Giulia Moi, Ulrike Müller, Maria Noichl, Marijana Petir, Laurențiu Rebegea, Bronis Ropė, Maria Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Maria Gabriela Zoană, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Stefan Eck, Elsi Katainen, Susanne Melior, Momchil Nekov, Annie Schreijer-Pierik, Ramón Luis Valcárcel Siso, Thomas Waitz
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Stanisław Ożóg

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

30	+
ALDE	Ivan Jakovčić, Ulrike Müller
ECR	Jørn Dohrmann, Zbigniew Kuźmiuk, Stanisław Ożóg, Laurențiu Rebeca
EFDD	Giulia Moi, Marco Zullo
ENF	Philippe Loiseau
PPE	Daniel Buda, Michel Dantin, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Esther Herranz García, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Mairead McGuinness, Marijana Petir, Czesław Adam Siekierski
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Nicola Caputo, Paolo De Castro, Karine Gloanec Maurin, Susanne Melior, Momchil Nekov, Maria Noichl, Maria Gabriela Zoaňă
Verts/ALE	José Bové

5	-
ALDE	Jan Huitema, Elsi Katainen
EFDD	John Stuart Agnew
GUE/NGL	Stefan Eck
Verts/ALE	Martin Häusling

3	0
GUE/NGL	Luke Ming Flanagan, Maria Lidia Senra Rodríguez
Verts/ALE	Bronis Ropë

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni